MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2011

Mandat Numru. 901/2011/1

**Paul Cuschieri**

**vs**

**Authority for Transport in Malta maghrufa bhala Transport Malta**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur datat is-6 ta’ Lulju, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikat, wara li kkonferma bil-gurament tieghu l-fatti minnu hemm esposti, sintetikament talab li:

1. Jixtieq li jzomm lill-Awtorita` intimata milli tiffirma kuntratt ma’ kwalsiasi terzi dwar it-“tender” TM 057/2010 ghal “Provision of Architectural

Services and Project Management Services for the Renovation and Extension of the Land Transport Directorate Offices in Hornworks Ditch, Floriana";

2. Ghaliex altrimenti jkun pregudikat irrimedjabbilment;

Rat id-dokumenti esebiti mal-istess mandat hekk guramentat;

Rat ir-risposta tal-Awtorita` intimat datata t-8 ta' Lulju, 2011, fejn wara li artikolat il-fatti tal-kaz, indirizzat is-segwenti punti legali naxxenti mill-artikolu 873 tal-Kap 12:

i. Il-jeddijiet li r-rikorrenti jirrikjedi prima facie;

ii. L-agir tal-Awtorita` intimata li jrid ikun ta' pregudizzju ghar-rikorrenti;

iii. Li l-hrug tal-mandat mitlub ikun mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti;

Semghet lir-rapprezentanti legali tal-partijiet li nfurmaw lill-qorti bis-segwenti fl-udjenza tal-11 ta' Lulju, 2011:

i. Illi l-partijiet ittransigew il-vertenza;

ii. Illi l-kondizzjonijiet li fuqhom ibbazaw l-istess vertenza huma s-segwenti:

a. Illi r-rikorrenti jintavola procedura t'ilment skont il-ligi flimkien mad-dokumenti in dizamina;

b. Illi t-terminu ghal dan l-appell jibda mid-data tal-istess udjenza, senjatament il-11 ta' Lulju, 2011;
c. Illi l-partijiet obbligaw ruhhom li jkunu marbutin bl-ezitu tal-istess ilment hekk propost;

d. Illi allura, it-"tender" in kwistjoni ma jigix aggudikat qabel l-ezitu finali;

e. Illi finalment, ir-rapprezentant legali tar-rikorrenti intrabat li jipprezenta l-appozitu kontro-mandat;

f. Illi konsegwentement, l-ispejjez jibqghu bla taxxa;

Rat il-kontromandat tal-Awtorita` intimata datat il-15 ta' Lulju, 2011 fejn gie ribadit l-imsemmi ftehim;

Innotat il-visto tar-rapprezentant legali tar-rikorrenti li wkoll hu datat il-15 ta' Lulju, 2011;

Illi in vista tal-premess, inkluz il-ftehim fuq indikat u l-kontromandat fuq riferit, tiddikjara l-procediment ezawrit u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess mandat t'inibizzjoni promotur.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------